## DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ:[1]
### Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi

**1.Il-firmatarji kollha fuq din il-formola għandhom numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali ta': MALTA**

*Ara l-Parti C tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 għan-numri ta' identifikazzjoni personali / numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali li jrid jiġi pprovdut wieħed minnhom.*

**2.Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea:** ECI(2017)000002

**3.Data ta' reġistrazzjoni:** 25/01/2017

**4.Indirizz tal-websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fir-reġistru tal-Kummissjoni Ewropea:** http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/initiatives/ongoing/details/2017/000002

**5.Titolu ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:** Projbizzjoni tal-glifosat biex b'hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi

**6.Suġġett:** Nitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi li l-Istati Membri jipprojbixxu l-glifosat, jirriformaw il-proċedura għall-approvazzjoni tal-pestiċidi u jistabbilixxu miri obbligatorji fil-livell tal-UE għat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi.

**7.Għanijiet ewlenin:** Il-projbizzjoni tal-erbiċidi abbażi tal-glisofat, li l-esponiment għalihom huwa marbut mal-kanċer fil-bniedem, u wassal għad-degradazzjoni tal-ekosistemi; u assigurazzjoni li l-valutazzjoni xjentifika tal-pestiċidi għall-approvazzjoni regolatorja fil-livell tal-UE tkun ibbażata biss fuq studji ppubblikati, ikkummisjonati minn awtoritajiet pubbliċi kompetenti minflok l-industrija tal-pestiċidi, bil-għan li jkollna ġejjieni ħieles mill-pestiċidi.

**8.Ismijiet u indirizzi tal-e-Mail tal-persuni ta' kuntatt:** Mika Theis LEANDRO (mika@stopglyphosate.org), Christoph BAUTZ (christoph@stopglyphosate.org)

**9.Ismijiet tal-organizzaturi rreġistrati l-oħrajn:** Helmut BURTSCHER-SCHADEN, Züleyxa IZMAILOVA, Rikke Vinkel LUNDSGAARD, Ruth ECHEVERRÍA ORELLANA, Martin Bernard PIGEON

**10.Websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta** ***(jekk hemm)*****:** https://stopglyphosate.org

**TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI B'ITTRI KAPITALI - Sakemm ma jingħadx mod ieħor, l-oqsma kollha f'din il-formola huma obbligatorji.**

B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdejt f'din il-formola hija korretta u li jien m'appoġġajtx diġà din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

| ISMIJIET KOMPLUTI | KUNJOMIJIET | DATA TAT-TWELID | NAZZJONALITÀ | TIP U NUMRU TAD-DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI | DATA U FIRMA [2] |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

[1] Il-formola għandha tiġi stampata fuq folja waħda. L-organizzaturi jistgħu jużaw folji miż-żewġ naħat.

[2] Il-firma mhijiex mandatorja jekk il-formola tkun sottomessa permezz ta' sistemi ta' ġbir onlajn kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

**Dikjarazzjoni dwar il-privatezza:** f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, id-dejta personali pprovduta f'din il-formola lill-organizzaturi tal-inizjattiva proposta se tkun disponibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti għall-għan ta' verifika u ċertifikazzjoni tan-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi li rċevew għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (ara l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ) u, jekk ikun meħtieġ, se tiġi pproċessata ulterjorament għall-għan tal-proċedimenti amministrattivi jew legali relatati ma' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (ara l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011). Id-dejta ma tista' tintuża għall-ebda skop ieħor. Is-suġġetti tad-dejta huma intitolati jiksbu aċċess għad-dejta personali tagħhom. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha se jinqerdu sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, jew, fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċedimenti.